# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 26/K9/20

Data tal-laqgħa: 15 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

26.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**26.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 25/K9/2020 għall-approvazzjoni.

26.2.02 Il-Kunsillier John Agius talab li ssir korrezzjoni tal-attendenza tal-Minuti 25/K9/20 minħabba li l-Kunsillier Sean Gauci kien Assenti b'Apoloġija u mhux preżenti.

26.2.03 Il-Kunsillier John Agius talab ukoll li titneħħa l-kelma ex fil-punt 25.3.05 u minflok titħalla biss il-kelma Ministru minħabba li fil-perjodu meta kienet saret il-laqgħa s-Sinjura Julia Farrugia Portelli kienet għadha Ministru.

26.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 25/K9/2020.

26.2.04 Il-Kunsillier Martin Sultana ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

26.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.06 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula talab li jkun skużat għal ftit ħin peress li kellu jitlaq biex jattendi għal-laqgħa tar-Regjun Centru.

26.2.07 Il- Viċi-Sindku Clayton Luke Mula telaq fil-5.20p.m.

26.2.08 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fil-5.20p.m.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

26.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar il-punt 25.2.05 fejn ġie nfurmat li ntagħżel l-isem ta' Mons. Guido Calleja għat-triq ta' bejn Triq Lapsi u Triq il-Kbira.

26.2.10 Fir-rigward il-punt 25.3.10, il-Kunsillier Guido Dalli staqsa fejn tinsab l-area f' Ta' Giorni li qed jiġi proppost li jsir proġett ta' tisbieħ u ċ-Ċermen filwaqt li spjega fejn hi l-area, nfurmah li dwar dan ser jitkellem aktar il-quddiem

26.2.11 Iċ-Ċermen infurma lill-Membri preżenti li fir-rigward il-punt 25.3.16 ma setgħetx tintalab stima sabiex tiġi rranġata l-plakka ta' Triq Sant'Elija minħabba li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol fuq il-mina ta' Triq Sant'Anglu spiċċa bil-ġlied għalhekk issa ser tintalab l-għajnuna tal-Perit David Grech.

26.2.12 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona li fir-rigward il-punt 25.3.16 ix-xogħol ta' pavimentar ta' Triq il-Karmnu jibda wara li titlesta l-binja li qed issir preżentament jew inkella x-xogħolijiet jibdew min-naħa l-oħra tat-triq. Dan sabiex li jiġi evitat li ssir ħsara fuq il-pavimentar hekk kif tkun għada kemm tlestit.

26.2.13 Dwar il-punt 25.4.04, iċ-Ċermen informa lill-Membri preżenti li Transport Malta għadhom qed jinsistu li huma kontra li jiġi nstallat l-Bus Shelter minħabba t-traffiku li jkun ġej min Triq Hans Stumme. L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ukoll ser jerġgħa jkellem lit-Transport Malta fuq din il-materja.

## 26.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

26.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Membri preżenti li l-ittra lir-residenti ta' Triq Diodorus Siculus għadha ma ntbagħtitx minħabba li l-Kunsill għadhu qed jistenna xi nformazjoni mingħand il-Perit, madanakollu qed jiġi ppjanat li x-xogħolijiet jibdew bejn l-aħħar ta' Jannar 2021 u bidu ta' Frar 2021.

26.3.02 Il-Membri preżenti ġew infurmati li preżentament hawn erba' uffiċċjali tal-Pulizija jduru f'San Giljan li huma maqsuma f'żewġ gruppi.

26.3.03 Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta' liemha hi l-kamra ta' Xatt is-Sajjieda li l-Awtorita' tat-Turiżmu qed tipproponi li titneħħa u nforma lill-Membri preżenti li l-istess Awtorita' għadha qed tiġbor l-*feedback* dwar il-proġett li qed tipproponi. Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa għal-pjanta ta' dan il-proġett iżda ġie nfurmat li l-Awtorita' tat-Turiżmu ma uritx l-pjanti li għandha.

26.3.04 Fir-rigward il-punt dwar l-ATM f'Ta' Giorni, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bank of Valletta għadhu qed jistenna l-Compliance Certificate sabiex ikun jista japplika għal meter tad-dawl. Dan iċ-ċertifikat għadhu ma ħariġx minħabba li l-Perit għadhu qed jistenna r-rapport mingħand l-KNPD.

26.3.05 Dwar il-proġett ta' tisbiħ fl-area ta' Ta' Giorni wara l-farmaċija, il-Perit għadhu qed jagħmel l-istimi ta' dan il-proġett madankollu l-Kunsill ġie nfurmat li għal dan il-proġett ser jintuża l-fondi tal-UIF.

26.3.06 Iċ-Ċermen informa li dwar il-proġett tal-pixxina ta’ San Giljan għandha nitolbu laqgħa mal-uffiċċjali tal-klabb wara l-festi tal-Milied.

26.3.07 Fir-rigward il-proġett biex tiġi rranġata l-funtana taż-żwiemel tal-Pjazza Qalb ta’ Ġesu, l-Kunsill ġie nfurmat li għadhna qed nistennew l-awtorizzazjoni finali mingħand l-Awtorita’ tat-Turiżmu.

26.3.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bus Shelter tal-Balluta ser jitwaħħal mill-Faces għada fil-għodu.

26.3.09 Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li l-karozzi abbandunati ta’ Triq Patrick Brydone ġew mneħħija mill-Pulizija.

26.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill talab għal-laqgħa sabiex ikun jista jiddiskuti d-dettalji mal-Vivacity.

**26.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

26.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar jekk nbidlitx l-camera tal-Pjazza Qalb ta’ Ġesu peress li issa qed tagħti ċitazzjonijiet anki faċċata tal-Għassa. Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jiċċekja fuq din il-materja peress li l-Kunsill mhux infurmat dwar dan.

26.4.02 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa jekk jistax jsir il-fustun tad-dawl mal-promenade bħas-sena l-oħra madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv nfurmah li dan il-fustun kien sar fis-sajf u mhux fi żmien il-Milied.

26.4.03 Ġie ppropost mill-Kunsillier Guido Dalli li tintbagħat ittra bl-Avukat lill-kuntrattur li għamel ix-xogħol fuq il-Monument tal-Prizz sabiex jigi iffirmat ċ-ċertifikat tal-Complaince ħalli l-Kunsill ikun jista’ japplika għal-meter tad-dawl.

26.4.04 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul ppropona tlett s fejn jistgħu jsiru proġetti sabiex dawn iż-żoni jinbidlu f’ġonna. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja tkun bhala *item* fuq l-Aġenda ta’ laqgħa oħra.

26.4.05 Il-Kunsiller Martin Sultana staqsa dwar it-tabella tal-One Way ta’ Triq San Mikiel u San Mark fejn iċ-Ċermen nfurmah li Transport Malta ma jaqblux ma din il-proposta.

26.4.06 Il-Kunsillier Martin Sultana nforma lill-Kunsill li f’ċertu toroq bħal Triq il-Mensija hemm problema ħabba nuqqas ta’ dawl għalhekk il-

Kunsillier Martin Sultana ser jibagħat lista ta' dawn it-toroq lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tkun tista ttieħed l-azzjoni neċessarja.

26.4.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-bankijiet ta' ġol Bus Shelter ta' Triq Birkirkara ta ħdejn il-bandli saru.

**26.5 Budget;**

26.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 u nfurmhom li ser tkun qed tintbagħatilhom kopja (Ara Appendiċi 'A')

26.5.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt li l-allokazzjoni li l-Kunsill irċieva mhux biżżejjed biex isiru x-xogħolijiet kollha neċessarji fil-lokalita.

26.5.03 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula wasal fis-6.30p.m.

26.5.04 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji.

26.5.05 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

26.5.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**26.6 Ġnien Dun Anton Sciberras;**

26.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-proposti li l-Kunsill irċieva dwar dan il-ġnien.

26.6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsiru laqgħat ma kull minn avviċina lill-Kunsill dwar dan il-ġnien, u wara tinħareġ sejħa għall-offerti għal kumpless kollu inkluż il-grawnd.

26.6.03 Ġie deċiż unanimament ukoll li *t-terms of reference* ta' din is-sejħa għall offerti għandhom jiġu diskussi wara li jsiru l-laqgħat ma' min hu interessat iżda qabel tinħareġ is-sejħa għal offerti.

**26.7 Talbiet żgħar;**

**26.7.01 Email dwar Skema Finanzjarja 10/2020 – Għall Proġett fil-Komunita' (Inc. 16608/20)**

26.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema billi jippubblika ktieb dwar l-istorja u l-Kultura ta' San Giljan.

26.7.01.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri waslet fis-7.00p.m.

**26.7.02 Email dwar Balluta Harbour Triq Birkirkara – San Ġiljan (Inc. 16785/20);**

26.7.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata.

**26.7.03 Email dwar skema finanzjarja 11/2020 - Għall-Proġett fil-Komunita' (Inc. 16608/20);**

26.7.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema billi jsir il-video tal-Knisja tal-Balluta kif ukoll tal-Knisja ta' Lapsi l-antika.

**26.7.04 Email dwar Ideazzjonisti Aġenzija Żgħażagħ – Stedina (Inc. 16662/20);**

26.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-korrispondenza tintbagħat lill-Kunsillier Sean Gauci sabiex jieħu ħsiebha hu.

**26.7.05 Email dwar talba road markings fi Triq il-Qalb Imqaddsa (Inc. 16695/20);**

26.7.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata.

**26.7.06 Email dwar Keep Clear Zone (Inc. 16833/20);**

26.7.06.01 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tiġi aċċettata.

**26.7.07 Korrispondenza dwar Allokazzjoni Finanzjarja (Inc. 16834/20, 16854/20);**

26.7.07.01 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni.

**26.7.08 Email dwar SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immanġjar tal-Iskart (Inc. 16862/20);**

26.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja terġa tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss filwaqt li l-Kunsillier Adrian Dominic Ellul jkun responsabbli minnha.

**26.7.09 Email dwar outdoor furniture pieces for Malta's public space (Inc. 16886/20);**

26.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din it-talba tiġi aċċettata.

**26.7.10 Email dwar żewġ kwotazzjonijiet dwar railing quddiem il-Crust fi Triq il-Mensija (Inc. 16983/20, 16984/20);**

26.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni tal-ammont ta' €10,896.12.

**26.7.11 Email mingħand Spinola Band Club dwar Kollaborazzjoni – Milied b'Tal-Linja 2020 (Inc. 17018/20);**

26.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din it-talba ma tiġix aċċettata minħabba li skond id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa ma jistgħux jsiru attivitajiet.

**26.7.12 Booklet dwar GSE Technologies Company Overview**

26.7.12.01 Din il-materja ser tkun diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

**26.7.13 Email mingħand l-Browns Pharmacy b'talba ghal Timed Parking (Inc. 17068/20)**

26.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata iżda jerġa jiġi offrut li jsir *Drop-off parking space* fejn il-funtana taż-żwiemel.

**26.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

26.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5271 sa 5281. (Ara Appendiċi 'B').

26.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**26.9 Skeda tal-Pagamenti**

26.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

26.9.02 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.9.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekonda fl-approvazzjoni.

**26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

26.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2021

26.10.02 Iċ-Ċermen awguri lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-Kunsilliera kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill il-Milied Hieni u s-Sena t-tajba.

26.10.03 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Clayton Luke Mula** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 12 ta' Jannar 2021**